

**Dispożittiv**

L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma tippermettix lill-qorti adita b'azzjoni individwali minn konsumatur intiża li tiġi kkonstatata n-natura inġusta ta' klawżola ta' kuntratt li torbtu ma' bejniegħ jew fornitur tadotta ex officio, għall-perijodu li tqis li jkun utli, miżuri provviżorji fl-istennija ta' sentenza definittiva dwar azzjoni kollettiva pendenti li s-soluzzjoni mogħtija fiha tkun tista' tiġi adottata għall-azzjoni individwali, meta tali miżuri huma meħtieġa sabiex tiġi ggarantita l-effikaċità sħiħa tad-deċiżjoni ġudizzjarja li tkun għad trid tingħata dwar l-eżistenza tad-drittijiet invokati mill-konsumatur fuq il-bażi tad-Direttiva 93/13.

(<sup>1</sup>) ĠU C 46, 9.2.2015.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-10 ta' Novembru 2016 (talba għal deċiżjoni preliminarj tal-Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság – l-Ungerija – Signum Alfa Sped Kft. vs Nemzeti Adó- és Vámhivatal Kiemelt Adó- és Vám Főigazgatóság**

(Kawża C-446/15) (<sup>1</sup>)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminarj — Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Tassazzjoni — Taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Dritt għal tnaqqis — Rifjut — Persuna li toħroġ il-fattura meqjusa li ma kinitx il-fornitur reali tas-servizzi ffatturati — Obbligi ta' verifika li jaqgħu fuq il-persuna taxxabbli)

(2017/C 063/07)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

**Qorti tar-rinviju**

Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Signum Alfa Sped Kft.

Konvenuta: Nemzeti Adó- és Vámhivatal Kiemelt Adó- és Vám Főigazgatóság

**Dispożittiv**

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu prassi nazzjonali li skontha l-amministrazzjoni fiskali tirrifjuta li taġti lil persuna taxxabbli d-dritt li jnaqqas it-taxxa fuq il-valur miżjud dovuta jew imħallsa għas-servizzi li ġew ipprovduti lilha għar-raġuni li l-fatturi relatati ma' dawn is-servizzi ma jistgħux jitqiesu li huma affidabbli peress li l-persuna li ħarġet dawn il-fatturi ma setgħetx tkun il-fornitur reali tal-imsemmija servizzi, ħliet jekk jiġi pprovat, fid-dawl ta' provi oġġettivi u mingħajr ma jiġi rikjest mill-persuna taxxabbli li twettaq verifika li ma hijiex obligata twettaq, li din il-persuna taxxabbli kienet taf jew messha kienet taf li l-imsemmija servizzi kienu involuti fi frodi tat-taxxa fuq il-valur miżjud, ħaġa li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

(<sup>1</sup>) ĠU C 381, 16.11.2015.